MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 788/2007

**G and A Autoparts Limited (C5420)**

**Vs**

**Godfrey Mifsud I.D. 196464(M)**

***DECIZJONI IN PARTE***

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Settembru 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tliet mija u tmienja u hamsin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1358.56) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija / spareparts mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut, liema bilanc ma thallasx nonostante diversi nterpellazzjonijiet ghal-hlas. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-

ittra legali datata 13 ta' April 2006 u kif ukoll tal-ittra ufficcjali ai termini tal-Art 166A numru 9454/06 u bl-interessi legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta' Dicembru 2007 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa (1) preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 2156(g) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (2) Illi fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri (3) B'rizerva li jitressqu risposti ulterjuri jekk jinqala` l-kaz. Bl-ispejjez kontra r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici u l-istess socjeta` attrici minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra illi fis-seduta tal-5 ta' Frar 2008, it-Tribunal halla l-kawza sabiex jitressqu l-provi dwar u tigi trattata l-ewwel eccezzjoni, dik relattiva ghall-preskrizzjoni.

Sema` x-xhieda tal-konvenut **Godfrey Mifsud**, li waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju xehed dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u qal illi huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici. L-uniku negozju li ghamel maghha ilu zgur iktar minn tmien snin. Huwa jghid li n-negozju li jirreferi ghalih l-Avviz ilu iktar minn tmien snin. Jghid li mindu rcieva l-karti dwar dan il-kont qatt ma hallas xejn.

In kontro-ezami (6.11.2008), il-konvenut ighid illi huwa ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kontijiet antiki u jekk hames snin qabel kien ghamel hlas, dan kien peress illi "jekk jiena nixtri nhallas ta' dik il-konsenja". Jikkonferma illi huwa kien jixtri minn ghand is-socjeta` attrici wholesale u li huwa dejjem kien ihalla skont b'lura.

Sema` x-xhieda ta' **Victor Difesa,** prodott mis-socjeta` attrici li waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2008 xehed illi huwa l-accountant tas-socjeta` attrici. Huwa pprezenta zewg *statements of account*, wiehed bl-Euro u l-iehor bil-Lira Maltija, mmarkati rispettivament Dok VD1 u Dok VD2 u l-istatements jikkonfermaw is-somma mitluba fl-Avviz.

Huwa jghid li n-negozju bejn il-kontendenti ilu ghaddej mill-1999 u baqa` ghaddej sal-2002 u l-istatements jindikaw diversi ordnijiet. Il-konvenut kien jixtri *spare parts* u jhallas *on account* lis-salesman u esebixxa kopja ta' rcevuta datata 2 ta' Dicembru 2002 (Dok VD3) li huwa l-ahhar hlas tal-konvenut. Jghid li lill-konvenut kienu baghtulu *statements* u kienu wkoll kitbulu bil-Qorti. Huwa pprometta li jesebixxi kopja ta' l-ittra legali u l-ittra ufficjali li ntbaghtu.

L-istess xhud in kontro-ezami jghid li jista` jkun li l-ahhar pagament li sar kien biex jaqta` invoice partikolari datata 29 ta' Novembru 2002, izda l-pagamenti li saru qabel kienu *on account* tal-kont li kellu pendenti maghhom. Ix-xhud jerga` jara Dok VD3 u jghid li aktarx il-pagament ma kienx *on account*. Filfatt mill-ircevuta jikkonferma illi dak il-hlas sar *in settlement* ta' l-invoice tad-29 ta' Novembru 2002.

In ri-ezami Victor Difesa jghid illi ma jirceviex hlasijiet hu. L-ircevuta Dok VD3 tinhareg mis-salesman taghhom meta jsir il-hlas u fuqha hemm il-firma tas-salesman.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici presentata fl-10 ta' Ottubru 2008, kontenenti kopja ta' ittra legali tat-13 ta' April 2006, u kif ukoll kopja legali ta' ittra ufficjali (166A) numru 9454 tas-27 ta' Novembru 2006 debitament notificata fit-30 ta' Novembru 2006 u l-atti kollha relattivi ghaliha inkluz ir-risposta ta' l-hawnekk konvenut.

Sema' lil **Sinclair Scerri** (6.11.2008) prodott mis-socjeta` attrici li qal li huwa kien salesman u kien ukoll jigbor il-flus dovuti lill-kumpannija attrici. Jghid li lill-konvenut kien jikkonsenjali x-xoghol u kien jithallas minn ghandu on account. Jghid ukoll illi "spiccajna hadna l-oggetti lura u lanqas sar il-hlas".

In kontro-ezami huwa gie muri DOK VD3 li huwa gharaf bhala ricevuta illi hareg huwa stess u ikkonferma illi b'dak il-hlas, l-konvenut kien hallas invoice partikolari u ma kienx hlas akkont tal-kont pendenti.

Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2008, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi dwar l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma kellhom aktar provi u wara li ttrattaw, qabblu illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni dwar l-istess eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi l-konvenut jibbaza l-eccezzjoni preliminari tieghu ta' preskrizzjoni fuq l-Artikolu 2156(f) tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta – preskrizzjoni kwinkwennali ghall-*azzjonijiet ghal hlas ta' kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa`, skond il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*.

Illi mill-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal, iz-zewg partijiet jidher illi jaqblu illi l-konvenut kien jixtri minghand s-socjeta` attrici fuq sistema *wholesale*.

Illi jidher ukoll pacifiku illi l-ahhar hlas maghmul mill-konvenut fl-4 ta' April 2006 kien maghmul biex tithallas *invoice* wahda partikolari u mhux hlas akkont. Di fatti irid jinghad illi minn DOK VD1 jirrizulta illi fl-istess data ta' l-*entry* tal-hlas, preciz qabilha, hemm *entry* ohra riferibbli ghal invoice 28792 fl-istess ammont taht il-kolonna kreditu.

Illi l-ahhar hlas li kien sar qabel dan kien fid-29 ta' Novembru 2002 – u dan kien fl-ammont ta' Lm69.93. It-Tribunal ma ghandux prova konkreta illi dak il-hlas kien ukoll jaqta` invoice wahda partikolari, anzi mill-istess DOK VD1 ma jirrizultax illi hemm invoice f'dak l-ammont. Huwa ghalhekk gustifikat illi jinghad illi dak il-hlas kien sar akkont.

Illi fuq kollox, filwaqt illi l-konvenut xehed illi huwa kien ihallas invoice wara l-ohra u kien ihallas invoice b'lura, Sinclair Scerri xehed illi huwa kien jigbor minn ghand il-konvenut flus *on account* u ma kienx ihallas invoice shiha

imma parti – tant illi ighid illi l-bilanc kien tela` b'mod sostanzjali.

Illi jekk it-Tribunal jaghmel il-verzjoni ta' Sinclair Scerri bhala l-verzjoni tas-socjeta` attrici – din hija aktar verosimili minn dik tal-konvenut u dan bbazat fuq zewg ragunijiet principali – fl-ewwel lok illi dan Sinclair Scerri kien car f'dak li xehed u ammetta u kkonferma ukoll illi l-hlas tal-konvenut tal-4 ta' April 2006 kien biex jaqta` invoice wahda partikolari, u fit-tieni lok ghax kieku kien minnu dak li qal il-konvenut li huwa kien ihallas invoice wara l-ohra b'wahda b'lura, kieku l-ammont ma kienx jakkumula bil-mod kif akkumula kif jirrizulta minn DOK VD1.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi applikabbli ghalhekk il-provvediment tal-ligi iccitat fl-eccezzjoni preliminari, (Art. 2156(f) tal-KAP 16) - it-Tribunal irid jissindika, jara u jistabilixxi, jekk hemmx it-trapass ta' hames snin mill-ahhar hlas akkont u jekk it-terminu preskrittiv kienx b'xi mod legali interrott.

L-ahhar hlas akkont jirrizulta illi sar fid-29 ta' Novembru 2002. Hames snin minn din id-data jwassal sad-29 ta' Novembru 2007.

Il-konvenut ma jidher li ghamel xejn f'dan it-trapass ta' zmien biex b'azzjoni tieghu jinterrompi l-preskrizzjoni kwinkwennali.

Pero` s-socjeta` attrici intavolat dawn l-odjerni proceduri fit-12 ta' Ottubru 2007 u rnexxiela tinnotifika l-Avviz fit-3 ta' Novembru 2007 – allura entro l-perjodu ta' hames snin mill-ahhar pagament akkont u allura mid-data minn meta ghandu jibda` jitqies li jiddekorri l-perjodu preskrittiv.

In ogni caso – ghandu jissemma ukoll illi jirrizulta minn DOK A annessa man-nota tas-socjeta` attrici tal-10 ta' Ottubru 2008, illi l-ittra ufficjali minnha ippresentata fis-27 ta' Novembru 2006 giet debitament notifikata lill-konvenut fit-30 ta' Novembru 2006.

Illi ghalhekk tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal sejjer jichad l-eccezzjoni sollevata – dik ta' preskrizzjoni, in kwantu illi ma jirrizultax mill-provi kollha prodotti illi ghaddew il-hames snin kontemplati bl-Artikolu citat minghajr ma b'xi mod gie interrott.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara illi ra l-provi kollha prodotti, id-dokumenti kollha esebiti u sema` x-xhiedha kollha prodotti, jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, dik ta' preskrizzjoni, jhalli l-kawza ghas-smiegh fil-mertu ghal nhar is-17 ta' Frar 2009.

Decizjoni dwar l-ispejjes relatati ghal din id-decizjoni *in parte* qed jigu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------